# EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

L-Ewwel Sena | MALTI | ĦIN: Sagħtejn

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A(i) | A(ii) | A(iii) | B | Ċ | D | E(i) | E(ii) | E(iii) | F | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 8 | 14 | 5 | 8 | 10 | 12 | 5 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**A. Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**

Kien jilbes imħarbat, u ċ-ċinturin li kien iżomm maqful taħt żaqqu kbira, kien ikabbarlu t-tħarbit ta' ħwejġu. Ġeneralment kien jiġi liebes qmis iċċangjata, qalziet griż skur jagħti fl-iswed u qorq f'riġlejh. Żarbun u peduni ma kien jilbes qatt. Fil-ġranet kesħin kien jilbes is-suf minn fuq u flanella minn taħt. Fil-jiem tax-xita kien jitgħatta b'inċirata qadima. Sajf u xitwa l-għonq tal-qmis kien ikun dejjem miftuħ. *(par. 1)*

Il-ħxejjex kien jixtrihom mill-pitkaliji li kien hemm qrib tagħna. Kien idur 'l hawn u 'l hinn biex jara kif tkun sejra l-bejgħa, iqabbel il-prezzijiet u fejn jaqbillu jqabbel u fejn le jibqa' sejjer. Jekk waqt dal-ġiri minn pitkalija għal oħra kien jara xi żewġ tadamiet fl-art ma kienx iħallihom hemm, u dawk iz-zunnarijiet li kienu jitqaċċtu mill-faxx bit-tqandil minn hawn għal hinn, u jsibu ruħhom fil-periklu li jintrifsu u jitkasbru bid-daqqiet tas-saqajn, kien iħenn għalihom, jiġborhom u jitfagħhom fil-benniena tal-karettun biex wara jqegħidhom għall-bejgħ. *(par. 2)*

Il-Maltin kienu jirrabjaw mhux ftit għalih għax lilhom, billi kien jaf ikellimhom, ma kienx iħallihom jagħżlu u 'l-Ingliżi, għax kif jgħidilhom ma kienx jaf, kien iħallihom iqallbu u jieħdu l-isbaħ frott. *(par. 3)*

Skola ma kien jaf xejn. Imma l-kontijiet kien jagħmilhom waħdu u ħadd ma kien jgħaddih minn għajn il-labra. Kien jitkellem imgħawweġ, la raħlija, imma kulħadd kien jifhmu. Jekk il-Malti kien jgħawġu, l-Ingliż ma kienx jitkellmu aħjar. Mhux għax kien jaf l-Ingliż tafux! Iżda għax mingħand in-nisa Ingliżi li kienu jieqfu jixtru mingħandu kien tgħallem xi kelma 'l hawn u 'l hinn u biha kien jiddobba ħażin ħażin. U meta kien itenniha kien jgħawwiġha biċċa sewwa. Il-mod kif kien jistaqsihom iridux patata kien idaħħakna. "Patajtos, lady?" kien jistaqsihom. U n-nisa kienu juru b'idejhom, iqallbu, jagħżlu, jixtru, iħallsu u jitilqu bi tbissima fuq fommhom. *(par. 4)*

Ġeneralment kien ikun waħdu, imma xi drabi kien iġib miegħu lil xi wieħed minn uliedu ż-żgħar. Billi kien iqajmu kmieni kien iwasslu sa Birkirkara rieqed fil-benniena mdendla bejn ir-roti tal-karettun. U għax daqqa t'id mingħandu, rari jekk qatt, kien ikun jeħtieġha, kien jerħilu jorqod kemm irid u kemm jogħġbu. *(par. 5)*

(Addattament minn *Bejjiegħ Il-Ħaxix* ta' Joseph Sciberras )

**(i) Kontenut**

1. Semmi l-oġġett li kien iżid mad-dehra mħarbta ta' kif kien jilbes il-bejjiegħ tal-ħaxix, u għid għaliex. (par. 1)

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2)

2. Agħti r-raġun għaliex il-bejjiegħ kien joqgħod idur 'l hawn u 'l hinn meta jmur il-pitkaliji. (par. 2) ______________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2)

3. X'differenza kien jagħmel il-bejjiegħ bejn il-Maltin u l-Ingliżi meta kien ibegħelhom il-ħaxix? (par. 3) ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2)

4. Mir-4 paragrafu, ikteb l-idjoma li turi li għalkemm il-bejjiegħ ma kienx ta' skola, xorta ħadd ma kien jidħak bih. ______________________________________________

______________________________________________ (1)

5. Għaliex il-bejjiegħ kien iħalli t-tifel jorqod kemm irid fil-benniena ta' taħt il-karettun? (par. 5)

______________________________________________ (1)

**(ii) Analiżi Testwali**

1. jagħti fl-iswed (par. 1) - Il-verb **jagħti** juri:

ta` xi ħaġa ☐ idjoma ☐ (1)

2. kien jixtrihom (par. 2) - Il-pronom **hom** magħqud mal-verb qiegħed jirreferi:

għall-ħxejjex ☐ għat-tadam ☐ (1)

3. Il-kelma **żewġ** f'*żewġ tadamiet* (par. 2) tfisser:

tnejn biss ☐ ftit ☐ (1)

4. Il-pronom **hom** marbut mal-verbi jiġborhom u jitfagħhom (par. 2) jirreferi:

għall-basal ☐ għaz-zunnarijiet ☐ (1)

5. F'paragrafu 3, l-espressjoni **jirrabjaw mhux ftit għalih** turi li n-nisa kienu jirrabjaw:

ħafna ☐ ftit ☐ (1)

6. Il-kelma **ħadd** f'*ħadd ma kien jgħaddih minn għajn il-labra* (par. 4) turi:

l-ebda persuna ☐ l-ewwel ġurnata tal-ġimgħa ☐ (1)

7. **Mhux għax kien jaf l-Ingliż tafux!** (par. 4) Il-punt esklammattiv (!) juri:

mistoqsija ☐ stagħġib ☐ (1)

8. **Ġeneralment** f'paragrafu 5 tirreferi:

ħafna drabi ☐ ftit drabi ☐ (1)

| **(iii)** | **Grammatika** |
|---|---|

1. Il-Verb
*Oħroġ verb mill-għerq fil-parentesi*

Ilbieraħ jiena u oħti (k-t-b) __________ lill-kuġini biex jiġu (q-għ-d) __________ għandna. Jiena xtaqt (r-q-d) __________ fil-kamra ta' oħti, iżda hi ma (q-b-l) __________ miegħi. Lanqas il-qattusa ma (f-r-ħ) __________ b'din l-istedina minħabba Fido, il-kelb li soltu kienu jġibu magħhom. (5)

2. L-Artiklu
*Imla l-vojt bl-artiklu*

Morna __________ ċinema. __________ sabiħa hi li, minħabba li domna ma wasalna, __________ film kien diġa` beda u tlaqna lura lejn __________ dar. (4)

3. Il-Ġens u L-Għadd
*Aqra s-sentenza ta' l-ewwel kolonna u iktibha fil-kolonna tan-nofs kif mitlub fit-tielet kolonna.*

| | | |
|---|---|---|
| i. L-attur jaħdem tajjeb. | i. ____________________ | i. Femminil |
| ii. Il-larinġa l-imħassra. | ii. ____________________ | ii. Kollettiv |
| iii. It-tieqa kienet miftuħa. | iii. ____________________ | iii. Plural |
| iv. Il-kittieba hija magħrufa. | iv. ____________________ | iv. Maskil |
| v. Il-ħġieġ il-miksur. | v. ____________________ | v. Singular |

(5)

| **B.** | **Qwiel u Idjomi: Alla, Tama U Sabar** |
|---|---|

1. Alla fi lsienu u x-xitan f'qalbu.
2. Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija.
3. Min jistenna jithenna.
4. Alla jiftaħ lil kulħadd.
5. Kull deni ħudu b'ġid.
6. Kull bidu huwa qawwi.

Din is-sentenza fiha 3 iqwiel imgerfxin. Ara liema huma mil-lista u ikteb in-numru fil-kaxxi.

Alla kull jagħlaq u jiftaħ huwa qawwi mija bieb ħudu deni bidu b'ġid kull.

☐ ☐ ☐

Issa agħżel 2 iqwiel mit-3 li sibt u agħti t-tifsira tagħhom. Fil-kaxxa ikteb in-numru tal-qawl li tagħżel.

Tifsira

☐ ____________________________________________

____________________________________________

☐ ____________________________________________

____________________________________________

(5)

**Ċ. Malti Komunikattiv - Agħżel WAĦDA**

1. F'madwar 60 kelma, ikteb djalogu bejn il-baħar u r-ramel.

JEW

2. Immaġina li inti sid ta' kjosk ħdejn il-baħar. F'madwar 60 kelma ikteb dwar dak li tara f'xatt il-baħar u dwar in-nies li jiġu jixtru mingħandek.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ (8)

## D. Proġett - Tiftix- Trawwim Kulturali - Folklor

L-iskola tiegħek se torganizza Lejla Maltija u inti ġejt imqabbad/imqabbda biex titkellem għal ftit minuti dwar Malta tal-passat. Għalhekk agħżel suġġett li fittixt dwaru għall-proġett tal-folklor u pprepara 5 punti għal din it-taħdita.

1. ______________________________________________

______________________________________________

2. ______________________________________________

______________________________________________

3. ______________________________________________

______________________________________________

4. ______________________________________________

______________________________________________

5. ______________________________________________

______________________________________________ (10)

## E. Letteratura - (i) Poeżija

Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' A u B.

A. Nadriet 1

Wieġeb IVA jew LE billi timmarka (✓) fil-kaxxa t-tajba

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | *Tifħira Lil Malta* hija patrijottika. | ☐ | ☐ |
| 2. | *Lil Ommi* kitibha Anton Buttiġieġ. | ☐ | ☐ |
| 3. | *San Franġisk U l-Gamiem* hija poeżija moderna. | ☐ | ☐ |
| 4. | F'*Il-Ħolma Ta' Alla* Anton Buttiġieġ isemmi l-istorbju fil-kampanja. | ☐ | ☐ |
| 5. | Il-poeżija *Bjuda* hija sunett Petrarkjan. | ☐ | ☐ |
| 6. | *Il-Bikja tal-Buskett* tittratta meta nieżla x-xita fil-Buskett. | ☐ | ☐ |
| 7. | *Ritratt Ta' Toninu Man-Nanna* tfakkarna fl-imgħoddi u hija poeżija ta' nostalġija. | ☐ | ☐ |
| 8. | Fil-poeżija *L-Għasfur* Ninu Cremona jġagħalna nirriflettu. | ☐ | ☐ |

(8)

B. Aktar Nadriet Poetiċi

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista. Ikteb isem il-poeta u f'madwar 5 linji agħti l-ħsieb tal-poeżija.

| |
|---|
| distanza, Il-Ħerża, Tristis Est Anima Mea, Dik Mewġa!, Xmara Ħamra, Bruka Xiħa, Raħal Twelidi, Il-Kebbies Tal-Fanali, Xita |

- Isem il-poeżija ________________________________
- Isem il-poeta ________________________________ (1)
- Il-ħsieb tal-poeżija ________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________ (3)

**E. LETTERATURA – (ii) Proża**

Wieġeb mistoqsija A jew B

A. Fra Martin u Novelli Oħra ta' Ġużè Chetcuti

Immarka (✓) fil-kolonna t-tajba t-tweġiba li taqbel ma' l-istorja.

| STORJA | Il-qniepen għalih kienu kollox. | Nenu kien jirsisti ħafna għall-festa tar-raħal. | Majsi rebaħ tliet liri f'imħatra. | Kien l-istess Ġorġ li rrakkonta l-istorja. | Il-Madonna ħelsitu minn għawġ fuq il-baħar. |
|---|---|---|---|---|---|
| Fra Martin | | | | | |
| Il-Karus | | | | | |
| Is-Sajjied | | | | | |
| Sparar u Duħħan | | | | | |
| Toninu | | | | | |

(5)

**JEW**

B. Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal ta' Ġorġ Borġ

Fil-kaxxi, ikteb in-numru ta' l-istorja li minnha ttieħdet is-sitta.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | It-Taraġ | 2. | Mojra | 3. | Ix-Xiħ tal-Bastun |
| 4. | Il-Fqir tar-Raħal | 5. | In-Niżla tal-Ganċ | | |

- "Kidditek it-telgħa milli jidher, Fra, daqskemm ilek titlob quddiem l-istatwa." ☐
- Kienet qatgħet xewqitha li darba f'għomorha tilbes sandli tal-moda. ☐
- "Le, ibni, jien biċċa mir-raħal u r-raħal biċċa minni." ☐
- Sa darba waqfu jistrieħu nofs triq fejn kien imdorri jieqaf ix-xiħ. ☐
- ... kien ħalla l-firma tiegħu fuq il-koxxa tal-bieb. ☐

(5)

## E. LETTERATURA - (iii) Meta Jaqa' ċ-Ċpar ta' Trevor Żahra




Mill-karattri msemmijin fl-istampa, kieku liema tagħżel li tkun int? Għaliex? Irrakkonta l-parti li kellu dan il-karattru fil-ġrajja tar-rumanz. (Ikteb f'madwar 10 linji fuq karta separata.)

(10)

## F. Komponiment

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata.)

1. Iddeskrivi dak kollu li laqtek waqt li kont ħdejn il-baħar meta mort tgħum ma' tal-familja.
2. Xahar ilu ġew joqogħdu ħdejkom ġirien ġodda. Għid min huma u għid kif tmorru magħhom. Irrakkonta praspura li kellkom kemm ilhom ġirien tagħkom.
3. Meta n-nanna għalqet mitt sena! Iddeskrivi l-festa li saritilha u ikteb dwar in-nies li ġew jarawha.
4. Aħseb fi tlieta min-nies li inti tammira u ikteb dwarhom.
5. Ikteb dwar xi ħarġa li kellek ma' ta' l-iskola matul din is-sena. (20)